



**DEĊIŻJONI TAL-BORD TAL-MANIĠMENT
TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA
LI TADOTTA L-ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĖIT GĦALL-2022 – CT/CA-030/2021MT**

IL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Entitajiet tal-Unjoni Ewropea ('iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni'), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-22 ta' Settembru 2019 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-028/2019),

Billi:

(1) Il-bord tat-tmexxija għandu jadotta l-baġit taċ-Ċentru abbażi tal-abbozz imħejji mid-Direttur;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-baġit 2022 taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, kif anness għal din id-deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ottubru 2021.

Għall-Bord tat-Tmexxija

(*firma elettronika*)

Rytis Martikonis

President

Anness: Baġit 2022



BAĠIT 2022

CT/CA-030/2021MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

B. DĦUL

C. NFIQ

D. ATTIVITAJIET

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – FARSJA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – DETTALJI

ANNES 1 – PJAN TA' STABILIMENT

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

Il-baġit 2022 jinkludi:

- A. Din l-introduzzjoni ġenerali;
- B. Id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, li b'mod partikolari jinkludi l-pagamenti magħmula mill-korpi li jaħdem għalihom iċ-Ċentru, u mill-istituzzjonijiet u l-organi li magħhom intlaħaq qbil dwar kollaborazzjoni tax-xogħol imwettaq minnu, inkluż attivitajiet interistituzzjonali;
- C. Tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont it-titolu; u
- D. Tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont l-attività. Din il-parti turi r-rabta bejn il-baġit għall-2022 u l-programm ta' ħidma għall-2022 billi tidentifika r-riżorsi allokatu għal kull attività biex jintlaħqu l-oġettivi strateġiċi taċ-Ċentru. Dan jistipula wkoll l-istruttura konvenzjonali tal-baġit.

Il-baġit 2022 jirrifletti l-estimi tad-dħul u tal-infiq, kif inklużi fil-dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2022-2024 (Ref. CT/CA-002/2021). Tħejja f'konformità mal-Artikoli 35-37 tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru. Sabiex iħejji l-baġit 2022, iċ-Ċentru wettaq analiżi tal-infiq previst tiegħu u kiseb il-previżjonijiet tal-klijenti.

Il-baġit 2022 tħejja abbażi tal-prezzijiet applikabbli fl-2022 kif murija fit-tabella hawn taħt. L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'euro.

Prezzijiet applikabbli fl-2022:

Servizz ipprovdut	Standard (EUR)	Bil-mod (EUR)	Urġenti (EUR)	Urġenti ħafna (EUR)
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna)	87.00	82.00	108.00	156.00
Traduzzjoni personalizzata (prezz għal kull paġna)	82.00	78.00	102.00	
Modifika (prezz għal kull paġna)	172.00	163.40	215.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	60.00	57.00	75.00	
Editjar (prezz għal kull paġna)	39.00	37.00	44.00	
Traskrizzjoni (prezz għal kull minuta)	8.50	6.50	10.50	
Traskrizzjoni awtomatika (prezz għal kull minuta)		EUR 2.00		
Trademarks (prezz għal kull paġna)		EUR 41.93 għal 197 221 paġna		
Posteditjar ħafif (prezz għal kull paġna)		EUR 49.00		
Paste 'n Go (prezz għal kull paġna)		EUR 82.00		
Traduzzjoni awtomatika (prezz għal kull paġna)		EUR 0.30		
Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu)		EUR 4.00		

Listi ta' termini (prezz għal kull terminu)	EUR 4.00
Reviżjoni ta' listi ta' termini (prezz għal kull terminu)	EUR 2.50
Terminoloġija (prezz għal kull persuna/jum)	EUR 900
Konsulenza lingwistika (prezz għal kull persuna/jum)	EUR 900
Sottotitolat (prezz għal kull minuta)	EUR 41.00

Flasijiet addizzjonali applikabbli fl-2022:

Tip ta' dokument	EUR
Format kumpless (ħlas addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	15.00
Format PDF u dokumenti stampati (ħlas addizzjonali għal kull paġna tad-dokument sors)	12.00
Dokumenti Kunfidenzjali (jiġifieri Dokument Klassifikati / Sensittivi mhux klassifikati (ħlas addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	20.00
Lingwa mhux tal-UE (ħlas addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	10.00
Applowdjar ta' dokumenti tas-sit web (ħlas addizzjonali għal kull lingwa fil-mira (fajls multipli) jew għal kull talba (fajl uniku))	10.00

B. DĦUL

Il-previżjoni tad-dħul totali għall-2022 hija EUR 49 miljun, b'EUR 49 miljun fit-Titolu 1-4. Id-dħul previst huwa mqassam kif ġej:

Titolu	Dħul (EUR)
1. Aġenziji u korpi	48 101 600
3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (Istituzzjonijiet Ewropej)	663 100
4. Dħul ieħor	272 400
5. Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti u trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	p.m.

Id-dħul previst taċ-Ċentru huwa bbażat fuq l-estimi pprovduti mill-klijenti tiegħu. Għaldaqstant għandu jkun enfasizzat li l-estimi tad-dħul huma soġġetti għal bidla, skont il-ħtiġijiet attwali tal-klijenti u l-baġits tagħhom. Abbażi tal-previżjonijiet tal-klijenti, l-estimi tad-dħul għall-2022 fit-Titolu 1 huwa EUR 48.1 miljun meta mqabbel ma' EUR 47.7 miljun fil-baġit emendatorju 2/2021 (0.9 %). Id-dħul previst għall-2022 huwa EUR 5.2 miljuni iktar (12 %) mid-dħul reali ta' EUR 42.9 miljuni riċevuti mill-klijenti fl-2020.


L-akbar klijent taċ-Ċentru, l-EUIPO (l-'Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea'), abbażi tal-ftehim il-ġdid, ippreveda tnaqqis fid-dħul ta' EUR 2.8 miljuni (-25.6 %) għat-traduzzjoni ta' trademarks

tal-UE fl-2022 (Partita 1006) meta mqabbel mal-baġit emendatorju 2/2021. Id-dħul previst għall-2022 huwa EUR 3.9 miljuni inqas (-32 %) mid-dħul reali riċevut għat-traduzzjoni ta' trademarks tal-UE fl-2020. Barra minn hekk, id-dħul previst tal-EUIPO għal servizzi oħra naqas b'29 %, jiġifieri minn EUR 4.2 miljun fil-baġit emendatorju 2/2021 għal EUR 5.5 miljun fl-2022 (Partita 1005), u dan huwa 38.8 % oġhla (EUR 1.5 miljun) mid-dħul riċevut għal servizzi oħra fl-2020. Il-previżjoni ġenerali tagħhom għall-2022 hija 14.7 % inqas (EUR 2.4 miljuni) mid-dħul totali riċevut mill-EUIPO fl-2020.

Bidliet sinifikanti oħra li jistgħu jiġu nnutati meta mqabbla mal-baġit emendatorju 2/2021 huma tnaqqis fil-previżjonijiet mill-EMA ("l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini") b' 20.7 % (EUR — 860 700), il-Europol ("l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi) b' 84.4 % (EUR — 274 200), l-ENISA ("l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà") b' 70.3 % (EUR — 350 800), il-Frontex ("l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta") b' 6.1 % (EUR — 190 900), l-ECHA ("Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi") b' 7.1 % (EUR 127 700), l-EASO ("Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil") b' 23.8 % (EUR 906 800). Meta mqabbel mal-baġit emendatorju 2/2021, l-EMCDDA ("Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga") żied il-previżjoni tiegħu b' 77.2 % (EUR 167 400), il-Eurojust ("Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali") bi 23 % (EUR 237 000), REA ("Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka") b'143.8 % (EUR 1.2 miljuni), l-eu-LISA ("Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja") bi 48.8 % (EUR 401 500), l-SRB ("Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni") b'24.8% (EUR 293 200), l-ELA ("Awtorità Ewropea tax-Xogħol") b'66 % (EUR 792 200), il-Kunsill ("Kunsill tal-Unjoni Ewropea") b'109.2 % (EUR 167 000) u l-EPDS ("Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data") bi 38 % (EUR 472 300). Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fis-Sezzjoni D, 'Attivitajiet', u l-Parti III, 'Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - Dettalji'.

Id-dħul fit-Titolu 3 jikkorrispondi għad-dħul li jirċievi ċ-Ċentru fil-kapaċità tiegħu bħala amministratur tal-bażi tad-*data* IATE (Terminoloġija Interattiva għall-Ewropa). L-infiq taċ-Ċentru għall-IATE huwa rreġistrat fl-Infiq (Kapitolu 31).

Figura 1. Id-dħul imqassam skont it-titolu u s-sena: 2020-2022 (Titoli 1, 3 u 4)



Minbarra d-dħul mill-klijenti u l-kooperazzjoni interistituzzjonali, iċ-Ċentru jipprevedi dħul ieħor fit-Titolu 4, prinċipalment imgħax bankarju, dħul mill-hosting ta' servizzi ta' ċentru tad-*data* lill-ERA ("Aġenzija tal-

Unjoni Ewropea għall-Ferroviji”) u kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern Lussemburgiż bħala sostenn għall-ħlasijiet tal-kiri taċ-Ċentru. Il-previżjoni għal dan id-dħul fl-2022 huwa ta’ EUR 272 400 li huwa 51.3 % inqas mill-baġit emendatorju 2/2021 u 26.6 % inqas mill-eżitu tal-2020.

Iċ-Ċentru ma ttrasferixxa l-ebda ammont mir-“Riżerva għall-ipprezzar tal-istabilità” u mir-“Riżerva għal investimenti eċċezzjonali”.


C. NFIQ

L-infiq previst taċ-Ċentru għall-2022 huwa EUR 49 miljun. Fit-Titoli 1-3, il-baġit 2022 żdied b’1.4 % meta mqabbel mal-baġit emendatorju 2/2021 u huwa 14.2 % oġhla mill-eżitu tal-2020. Din iż-żieda mill-2020 sal-2022 hija dovuta għall-aġġustamenti previsti fis-salarji fl-2021 u fl-2022, kif ukoll infiq ieħor li huwa soġġett ukoll għal indiċjar li aktarx iwassal għal infiq oġhla. Barra minn hekk, din iż-żieda fit-Titolu 1 hija parzjalment ikkumpensata mit-tnaqqis sinifikanti fit-Titolu 2 u t-Titolu 3 b’riżultat tal-istrateġija l-ġdida tal-bini, l-introduzzjoni tat-telexoġhol bħala normalità ġdida u t-tnaqqis tal-volum tal-esternalizzazzjoni lil fornituri esterni tas-servizzi lingwistiċi. L-infiq previst huwa mqassam kif ġej:

Titolu	Infiq (EUR)
1. Persunal	28 768 200
2. Bini, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju	8 273 600
3. Infiq Operattiv	11 069 300
10. Fondi ta’ Riżerva	926 000

Sabiex jirrispondi għaż-żieda globali fl-ispejjeż tal-persunal, spejjeż oħra marbuta mal-indiċi u spejjeż tal-IT inkluża l-ispiża għall-pjan ta’ trasformazzjoni u t-telexoġhol, iċ-Ċentru ħa diversi miżuri biex inaqqas l-infiq baġitarju tiegħu. L-azzjoni ewlenija kienet li jitnaqqsu b’mod sinifikanti l-approprijazzjonijiet tal-infiq fil-maġġoranza tal-partiti tal-baġit biex ikun kopert biss dak li mistenni jkun meħtieġ. Dan ifisser li iċ-Ċentru naqqas il-marġni tiegħu għal minimu f’linji baġitarji ewlenin u għaldaqstant il-flessibbiltà tiegħu tnaqqset b’mod sever. Farsa ġenerali lejn l-infiq skont it-titolu, inkluż tqabbil mal-baġit emendatorju 2/2021 u l-eżitu għall-2020, hija ppreżentata fil-figura ta’ hawn taħt.

Figura 2. Id-dħul imqassam skont it-titolu u s-sena: 2020-2022 (Titoli 1, 2, 3 u 10)*



* Titolu 1: 'Persunal'; Titolu 2: 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju'; Titolu 3: 'Infiq operattiv'; u Titolu 10: 'Fondi ta' Riżerva'. Il-baġit għat-Titolu 10 jidher bħala "0" fl-2020.

Titolu 1: PERSUNAL

Il-baġit għal Titolu 1 fl-2022 jilħaq EUR 28.8 miljuni, 6.2 % oġhla mill-baġit emendatorju 2/2021, jiġifieri żieda ta' EUR 1.7 miljuni. Il-baġit taċ-Ċentru jipprevedi aġġustamenti potenzjali tas-salarji annwali, stmati għal 1 % fis-sena, kif ukoll avvanzi fil-grad biennali u promozzjonijiet. Il-baġit huwa bbażat fuq il-Pjan ta' Stabbiliment ta' 193 post tax-xogħol li baqa' fl-istess livell ta' dak approvat mill-Awtorità Baġitarja għall-2021. Il-baġit jikkunsidra wkoll fatturi bħall-proporzjon ta' fatturat u x-xejriet tax-xogħol tal-persunal. Dan t'hawn fuq kollu jwassal għal żieda ta' 5.4 % (EUR 1.1 miljun) fl-Artikolu 110, 'Persunal f'impjeg attiv' u l-baġit għal persunal b'kuntratt (Partita 1115) żdied b'11 % (EUR 166 600) fl-2022 meta mqabbel mal-baġit emendatorju 2/2021.

Titolu 2: BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV MIXXELLANJU

Il-baġit għal Titolu 2, 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju', jilħaq EUR 8.3 miljuni fl-2022. Huwa naqas b'3.1 % meta mqabbel mal-baġit emendatorju 2/2021. Madankollu, it-tnaqqis huwa kemxejn ikkompensat minn żieda f'tagħmir tal-IT mixtri, bħas-sostituzzjoni ta' servers li m'għadhomx jintużaw, il-ħżin tad-*data* u konsulenti addizzjonali. Madankollu, fit-terminu medju, jista' jkun mistenni tnaqqis sinifikanti.

Iċ-Ċentru jirċievi kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu fir-rigward tal-ispejjeż tal-kiri tal-uffiċċji. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja hija rreġistrata bħala dħul u ma taffettwax l-infiq fit-Titolu 2. Għandu jiġi enfasizzat li l-infiq fit-Titolu 2 jinkludi l-infiq għall-ospitar ta' ċentru tad-*data* għall-ERA ('Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji'). F'konformità mal-prinċipju tal-universalità, id-dħul riċevut mill-ERA hu rreġistrat bħala dħul, għall-kuntrarju ta' tpaċija tal-infiq.

Titolu 3: INFIQ OPERATTIV

Il-baġit għal Titolu 3, 'Infiq Operattiv', ikopri l-esternalizzazzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni, is-servizzi tekniċi relatati mas-servizzi lingwistiċi, kooperazzjoni interistituzzjonali, u l-programm eCdT. Dan se jlaħħaq EUR 11.1 miljun fl-2022 u tnaqqas bi 6.6 % meta mqabbel mal-baġit emendatorju 2/2021. Dan huwa EUR 0.1 miljun aktar mill-eżitu 2020.

Il-baġit għal servizzi esterni tat-traduzzjoni jikkostitwixxi l-parti ewlenija tal-baġit tat-titolu, jiġifieri 93 % fl-2022. L-ispiża reali ta' dawn is-servizzi tiddependi minn numru ta' fatturi, bħall-bidliet fil-klassifikazzjoni tal-fornituri skont il-kuntratti qafas eżistenti u l-prezz maqbulu skont kuntratti qafas futuri li jiddependu wkoll mill-iżviluppi ekonomiċi fl-Istati Membri. Il-baġit għall-2022 huwa EUR 10.3 miljuni, li huwa konformi mal-volumi previsti kif ukoll mal-aspettattiva taċ-Ċentru li l-investment fit-teknoloġiji tat-traduzzjoni ser ikollu impatt pożittiv fuq l-infiq għas-servizzi esterni tat-traduzzjoni. Huwa ċar li l-infiq reali se jiddependi ħafna mid-domanda attwali tal-klijenti taċ-Ċentru u l-impatt attwali tat-teknoloġiji tat-traduzzjoni.

Il-kapitolu 31 jinkludi l-infiq taċ-Ċentru għall-ġestjoni tal-bażi tad-data tal-IATE kif ukoll il-kontribuzzjoni taċ-Ċentru għal għodod oħra interistituzzjonali ġestiti mill-Kummissjoni. L-ispejjeż għal dawn l-għodod jiddependu mill-ftehimiet finanzjarji annwali bejn il-partijiet li jaġixxu fil-qafas tal-Kumitat Eżekuttiv għat-Traduzzjoni tal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI).

D. ATTIVITAJIET

L-attivitajiet taċ-Ċentru huma definiti taħt tliet oqsma ta' attività fil-baġit 2022, kif stabbilit fid-dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2022-2024: 1) Attivitajiet operattivi ewlenin; 2) Attivitajiet ta' sostenn; u 3) Attivitajiet ta' ġestjoni u ta' superviżjoni.

Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2022 huma allokatu għat-tliet oqsma ta' attività, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji inklużi fit-Titoli 1, 2 u 3 jew jiġu allokatu direttament jew indirettament lis-servizzi differenti taċ-Ċentru. L-ispejjeż indiretti huma allokatu għall-attivitajiet taċ-Ċentru, u konsegwentement lis-servizzi tiegħu, permezz tal-mekkaniżmi tal-metodoloġija ta' Bbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività (ABB). Id-dettalji huma stabbiliti fid-dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2022-2024 (Ref.CT/CA-002/2021).

	% tar-riżorsi umani (persunal)	% tar-riżorsi finanzjarji	Riżorsi finanzjarji
Attivitajiet operattivi prinċipali	62.9 %	74.0 %	36 279 525
<i>Traduzzjoni</i>	24.0 %	19.8 %	9 729 120
<i>Reviżjoni</i>	0.0 %	0.0 %	0
<i>Modifika</i>	1.5 %	1.2 %	591 700
<i>Editjar</i>	0.2 %	0.1 %	64 466
<i>Sottotitolat</i>	0.0 %	0.0 %	1 454
<i>Traskrizzjoni</i>	0.0 %	0.0 %	4 466
<i>Riċerka tat-terminoloġija</i>	0.3 %	0.2 %	85 811
<i>Validazzjoni Interna</i>	25.6 %	21.2 %	10 383 830
<i>Ġestjoni tat-talbiet tal-klijent</i>	1.8 %	1.4 %	698 968
<i>Preproċessar u preformattjar tekniku (TECH + CAT)</i>	2.3 %	1.8 %	873 710
<i>Ġestjoni tal-esternalizzazzjoni</i>	1.5 %	1.2 %	576 649
<i>Preproċessar lingwistiku — dokumenti ta' referenza (tifix dokumentarju) REF</i>	0.3 %	0.2 %	122 319
<i>Proċessar ta' wara (CAT+ TECH)</i>	1.4 %	1.1 %	524 226
<i>Ġestjoni ta' memorji tat-traduzzjoni u traduzzjoni awtomatika</i>	0.9 %	0.7 %	349 484
<i>Terminoloġija</i>	0.9 %	0.7 %	349 484
<i>Fluss tax-xogħol tal-EUTM</i>	1.4 %	1.1 %	541 700
<i>Klassifikazzjoni mill-ġdid</i>	0.7 %	0.5 %	253 376
<i>IATE</i>	0.4 %	1.7 %	838 762
<i>Servizzi esterni tat-traduzzjoni</i>		21.0 %	10 290 000
Attivitajiet ta' sostenn	24.8 %	18.5 %	9 065 170
Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni	12.3 %	5.6 %	2 766 405
Approprjazzjonijiet fit-Titolu 10: 'Fondi ta' Riżerva', mhux allokat għal attività	0 %	1.9 %	926 000
Total:	100 %	100 %	49 037 100

Deskrizzjoni ta' sotto-attività

Traduzzjoni	Traduzzjoni ta' dokumenti u ta' EUTMs. F'din l-attività, l-ispiża tat-traduzzjoni interna biss titqies peress li t-traduzzjoni ssir internament.
Reviżjoni	Tradutturi interni jwettqu din l-attività, li tikkonsisti fit-tqabbil tal-verżjoni tradotta mad-dokument oriġinali.
Modifika	Tradutturi interni jwettqu din l-attività, li tikkonsisti fil-modifika ta' dokumenti tradotti abbażi ta' verżjoni ġdida tat-test preċedenti.
Editjar	L-editjar jikkonsisti fir-rieżami tal-verżjoni ta' dokument fl-istess lingwa.
Sottotitolar	Din l-attività tikkonsisti f'sottotitolar ta' materjal bil-vidjo.
Riċerka tat-terminoloġija	Din l-attività teknika titwettaq mit-timijiet tat-traduzzjoni u tikkonsisti fit-tfittxija għal terminoloġija (b'referenzi, kuntest, definizzjoni, eċċ.).
Validazzjoni interna	L-evalwazzjoni tat-traduzzjonijiet imwettqa minn fornituri esterni tas-servizzi.
Ġestjoni tat-talbiet tal-klijent	L-analiżi tat-talbiet tal-klijenti u d-determinazzjoni tal-karatteristiċi tal-prodott (format, dominju, eċċ.).
Preproċessar u preformattjar tekniku (TECH + CAT)	Il-preformattjar hija t-tnejn ta' fajls li jridu jiġu tradotti sabiex jiġu pproċessati b'mod korrett minn għodod CAT. Il-preproċessar huwa sett ta' kompiti eżegwiti sabiex jiġi identifikat materjal repetittiv u jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tal-memorji tat-traduzzjoni taċ-Ċentru (TMs).
Ġestjoni tal-esternalizzazzjoni	L-għażla ta' fornituri ta' servizzi esterni, l-istabbiliment u l-ġestjoni tal-kuntratti tagħhom.
Preproċessar lingwistiku — dokumenti ta' referenza (tiftix dokumentarju) REF	L-ipproċessar ta' dokumenti minn perspettiva lingwistika biex jinstabu d-dokumenti ta' referenza korretti u jiġu stabbiliti l-parametri korretti għal aktar ipproċessar.
Proċessar ta' wara (CAT+TECH)	Il- Formattjar ta' wara huma l-kontrolli u l-korrezzjonijiet li jkunu saru fil-fajls tradotti sabiex jipproduċu t-tqassim mill-ġdid tal-fajl sors .
Ġestjoni ta' memorji tat-traduzzjoni u t-traduzzjoni awtomatika	L-organizzazzjoni u l-aġġornament tal-kontenut tal-memorji tat-traduzzjoni u l-corpus tat-traduzzjoni awtomatika.
Terminoloġija	L-analiżi tat-talbiet tal-klijenti u l-organizzazzjoni ta' xogħol ta' riċerka tat-terminoloġija.
Fluss tax-xogħol tal-EUTMs	L-analiżi tat-talbiet tal-klijenti u l-organizzazzjoni tat-traduzzjoni tal-EUTMs.
Klassifikazzjoni mill-ġdid	L-adattament tal-ordni fil-lista ta' fornituri tas-servizzi esterni abbażi tal-evalwazzjoni tal-kwalità tagħhom.
IATE	Il-ġestjoni tal-bażi tad- <i>data</i> tal-IATE
Servizzi esterni tat-traduzzjoni	Infq relatat mas-servizzi lingwistiċi mogħtija minn fornituri tas-servizzi esterni.

It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru totali ta' paġni, termini u d-dħul previst għall-2022, imqabbel mal-baġit emendatorju 2/2021. It-tabella turi l-previżjonijiet tal-2022 ipprovduti mill-klijenti. Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta f'Parti III, 'Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - Dettalji'.

	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Paragun
Għadd totali ta' paġni ta' trademarks tal-UE previst	197 221	284 686	-30.7 %
Għadd totali ta' paġni ta' dokumenti previst	414 394	383 165	8.2 %
<i>Numru totali ta' paġni</i>	<i>611 615</i>	<i>667 851</i>	<i>-8.4%</i>
Numru totali ta' listi ta' termini previsti	82 427	107 659	-23.4%
Dħul totali previst minn traduzzjonijiet, terminoloġija u listi ta' termini	48 101 600	47 663 700	0.9 %

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – HARSJA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Eżitu 2020
	DĦUL			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI	48 101 600	47 663 700	42 949 640
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	663 100	689 100	628 653
4	DĦUL IEĦOR	272 400	558 900	371 022
5	SURPLUS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	p.m.	4 120 043	0
	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	4 052 543	0
	Fond ta' riżerva għall-istabilità fil-prezzijiet	p.m.	p.m.	0
	Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni	p.m.	67 500	0
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0
	TOTAL	49 037 100	53 031 743	43 949 315
	INFIQ			
1	PERSUNAL	28 768 200	27 078 900	24 430 429
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV MIXXELLANJU	8 273 600	8 534 100	6 725 501
3	INFIQ OPERATTIV	11 069 300	11 851 600	10 961 389
10	FONDI TA' RIŻERVA	926 000	5 567 143	0
	TOTAL	49 037 100	53 031 743	42 117 319

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ 2022 – DETTALJI

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Eżitu 2020	Rimarki
DĦUL					
1000	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	195 000	198 200	313 654	2 196 paġna
1001	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	62 400	98 100	163 781	717-il paġna
1002	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA)	384 100	216 700	157 692	4 416-il paġna
1003	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	3 296 300	4 157 000	3 164 899	Dokumenti: 35 333 paġna; listi ta' termini: 4 855 terminu
1004	Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	639 000	660 800	1 099 785	7 171 paġna
1005	Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)	5 470 500	4 240 700	3 941 051	Dokumenti: 54 687 paġna; listi ta' termini: 68 800 terminu; Disinji komunitarji: 8 000 terminu
1006	trademarks tal-EUIPO	8 268 600	11 116 400	12 168 538	197 221 paġna
1007	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	38 700	38 700	76 607	445 paġna
1008	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	50 700	324 900	92 440	583 paġna
1009	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Fajja u tax-Xogħol (Eurofound)	480 000	531 600	430 601	5 518-il paġna
100	Artikolu 100	18 885 300	21 583 100	21 609 047	
1010	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)	116 200	110 900	167 242	1 180 paġna
1012	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	1 262 000	1 260 300	1 120 862	13 855 paġna
1014	Bank Ewropew tal-Investment (BEI)	p.m.	3 300	8 827	
1015	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	225 700	225 700	240 078	2 595 paġna
1016	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	1 269 000	1 032 000	486 604	12 624 paġna
1017	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	71 400	77 700	253 194	812-il paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Eżitu 2020	Rimarki
1018	Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)	32 300	32 300	2 585	372 paġna
1019	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)	275 700	300 000	294 430	3 120 paġna
101	Artikolu 101	3 252 300	3 042 200	2 573 821	
1020	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)	148 200	499 000	96 920	1 704 paġni
1021	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	550 000	550 700	584 490	6 159 paġna
1022	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	2 919 300	3 110 200	1 306 275	Dokumenti: 32 073 paġna; listi ta' termini: 460 terminu
1023	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)	598 400	567 200	343 307	5 707 paġni
1024	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)	15 900	12 500	31 605	183 paġna
1025	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	162 500	81 900	13 907	1 587 paġna
1026	Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel (Chafea)	–	342 400	1 209 365	
1027	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)	27 400	26 200	17 275	312-il paġna
1028	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	4 700	5 500	47 314	54 paġna
1029	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	1 682 100	1 809 800	1 631 645	18 414-il paġna
102	Artikolu 102	6 108 500	7 005 400	5 282 103	
1030	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	358 500	304 100	430 069	Dokumenti: 4 051 paġna; listi ta' termini: 120 terminu
1031	Impriża Konġunta Ewropea tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E JU)	51 800	54 500	41 373	596 paġna
1032	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen)	p.m.	p.m.	0	
1033	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks (INEA)	22 400	23 400	41 537	241 paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Eżitu 2020	Rimarki
1034	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	6 000	8 100	8 578	68 paġna
1035	Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)	67 700	40 500	1 034	720 paġna
1036	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA)	1 955 700	802 200	17 015	21 690 paġna
1037	Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Clean Sky 2 JU)	3 900	3 900	1 860	30 paġna
1038	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	48 000	48 900	191 813	583 paġna
1039	Impriża Konġunta SESAR (SJU)	13 800	19 000	6 978	159 paġna
103	Artikolu 103	2 527 800	1 304 600	740 256	
1042	Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2 JU)	5 000	5 400	972	Dokumenti: 48 paġna; listi ta' termini: 192 terminu
1043	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2 JU)	2 400	6 500	0	26 paġna
1045	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)	2 898 600	3 805 400	3 432 946	31 638 paġna
1046	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	320 000	265 300	248 703	3 726 paġna
1047	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	596 800	492 800	716 808	7 206 paġni
1048	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	858 700	932 000	810 436	9 772 paġna
1049	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	283 800	144 800	164 617	3 198 paġna
104	Artikolu 104	4 965 300	5 652 200	5 374 482	
1050	L-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (L-Uffiċċju BEREC)	152 300	113 200	36 477	1 987 paġna
1051	Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)	1 224 200	822 700	811 305	14 212-il paġna

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Eżitu 2020	Rimarki
1052	Impriża Konġunta tal-Komponenti Elettroniċi u Sistemi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL JU)	4 200	6 300	1 081	48 paġna
1053	Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (Narkotiċi) (MAOC (N))	p.m.	p.m.	0	
1054	Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)	1 475 100	1 181 900	1 054 655	11 500 paġna
1055	Skejjel Ewropej	63 600	62 900	43 405	731 paġna
1056	Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI JU)	9 500	100	0	110 paġna
1057	Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R JU)	p.m.	8 400	22 229	
1058	Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs-JC)	p.m.	100	0	
1059	Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)	1 600	500	385	18-il paġna
105	Artikolu 105	2 930 500	2 196 100	1 969 536	
1060	Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)	1 992 200	1 200 000	89 398	22 672 paġna
1061	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	4 080 400	–	0	28 032 paġna
106	Artikolu 106	6 072 600	1 200 000	89 398	
1099	Dħul minn klijenti ġodda	p.m.	2 824 200	0	
109	Artikolu 109	p.m.	2 824 200	0	
10	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI U L-KORPI	44 742 300	44 807 800	37 638 644	
1100	Kummissjoni Ewropea	1 150 500	1 146 900	3 463 373	Dokumenti: 13 998 paġna. Il-volum għad-dokumenti jinkludi l-volumi stmati għad-DĠ Ġustizzja, Konsumaturi u DĠ Impjegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u DĠ GROW Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorja u l-SMEs.
1101	Parlament Ewropew	p.m.	28 200	349	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Eżitu 2020	Rimarki
1102	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	320 000	153 000	14 658	3 679 paġna
1103	Qorti Ewropea tal-Awdituri	12 700	34 600	22 506	137 paġna
1104	Kumitat Ewropew tar-Reġjuni	p.m.	p.m.	8 635	paġni
1105	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	p.m.	p.m.	26 781	paġni
1106	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	p.m.	1 900	3 678	Paġni
1107	Bank Ċentrali Ewropew	58 800	58 800	58 057	580 paġna
1108	Ombudsman Ewropew	102 400	189 900	264 589	1 211 paġna
1109	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)	1 714 900	1 242 600	1 448 371	19 517-il paġna
110	Artikolu 110	3 359 300	2 855 900	5 310 996	
11	PAGAMENTI MILL-ISTITUZZJONIJIET	3 359 300	2 855 900	5 310 996	
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI	48 101 600	47 663 700	42 949 640	L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
2000	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	
200	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	L-Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
20	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0	
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0	
3001	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI)	p.m.	p.m.	0	
3002	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	663 100	689 100	628 653	Din il-partita tkopri dħul riċevut minħabba l-ġestjoni taċ-Ċentru ta' proġetti interistituzzjonali, b'mod partikolari l-proġett IATE.

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Eżitu 2020	Rimarki
300	Kooperazzjoni interistituzzjonali	663 100	689 100	628 653	
30	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	663 100	689 100	628 653	
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	663 100	689 100	628 653	
4000	Imgħax bankarju	5 000	p.m.	0	
400	Imgħax bankarju	5 000	p.m.	0	Dan l-artikolu jkopri mgħax li ċ-Ċentru jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu.
4010	Flasijiet lura mixxellanji	97 400	388 900	127 772	
401	Flasijiet lura mixxellanji	97 400	388 900	127 772	Dan l-artikolu jkopri rimborżi mixxellanji, inkluż dħul mis-sullokazzjoni tal-ispazju tal-uffiċċji u l-ispazju tal-parkeġġ u l-ospitar ta' ċentru tad- <i>data</i> għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.
4020	Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu	170 000	170 000	243 250	Din il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu hija b'sostenn tat-tariffi ta' kiri annwali ta' ċ-Ċentru.
402	Kontribuzzjonijiet oħra	170 000	170 000	243 250	
40	DĦUL IEĦOR	272 400	558 900	371 022	
4	DĦUL IEĦOR	272 400	558 900	371 022	
5000	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	4 052 543	0	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Finanzjarju ta' ċ-Ċentru tat-22 ta' Settembru 2019.
500	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	4 052 543	0	
5010	Trasferiment minn "Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni"	p.m.	67 500	0	It-trasferiment mill-"Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni" jikkorrispondi għall-infiq fil-Kapitolu 32, "Infiq relatat mal-programm eCdT".
5015	Trasferiment minn "Fond ta' riżerva għall-istabilità fil-prezzijiet"	p.m.	p.m.	0	It-trasferiment mill-"Fond ta' riżerva għall-istabilità fil-prezzijiet" huwa meħtieġ biex ikun ibbilanċjat il-baġit.
501	Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	p.m.	67 500	0	

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Eżitu 2020	Rimarki
50	SURPLUS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	p.m.	4 120 043	0	
5	SURPLUS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	p.m.	4 120 043	0	
6000	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
600	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
60	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI	p.m.	p.m.	0	
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0	
	Dħul Totali	49 037 100	53 031 743	43 949 315	
	INFIQ				
1100	Salarji bażiċi	16 596 800	15 771 800	14 562 447	Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1101	Benefiċċji għall-familja	1 541 000	1 379 500	1 260 468	Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u s-Sezzjoni I tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-gratifikati tal-familja, tal-ulied dipendenti u tal-edukazzjoni għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1102	Gratifikati ta' espatriazzjoni u ta' residenza barranija	2 633 600	2 560 100	2 387 920	Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom, u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-gratifikati ta' espatriazzjoni u ta' residenza barranija għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1103	Gratifikati segretarjali	11 800	11 700	8 960	Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-gratifikati segretarjali mħallsa lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju fil-kategorija AST impjegati bħala tajpisti stenografiki jew tajpisti, operaturi ta' telex, kompożituri tat-tipi, segretarji eżekuttivi jew segretarji prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha fix-xahar ta' qabel l-1 ta' Mejju 2004.
110	Persunal b'impjeg attiv	20 783 200	19 723 100	18 219 795	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Baġit 2022	Baġit emendatorju 2/2021	Eżitu 2020	Rimarki
1113	Trainees	37 200	6 000	433	Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri nfiq relatat ma' trainees.
1115	Persunal kuntrattwali	1 685 600	1 519 000	1 104 934	Il-Kondizzjonijiet tal-impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3a u t-Titolu IV tagħhom.
111	Persunal kuntrattwali u trainees	1 722 800	1 525 000	1 105 367	Dan l-artikolu kien preċedentement imsejjaħ "Persunal awżiljarju u persunal lokali".
